## KUNSILL LOKALI ISLA

## IR-RABA' KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU TNEJN U ERBGĦIN

Il-laqgħa tal-Kunsill li kellha ssir nhar it-Tlieta 16 ta' Novembru, 2004 fis-6.00am fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill f'numru 197, Triq San Ġużepp, Isla.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Skużat : | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | 2 | | |

### AĠENDA

(1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
(3) Mistoqsijiet.
(4) Konferenza Abruzzo.
(5) Sala San Mikiel.
(6) Police Liaison Officer.
(7) Kuntratt ta' Xogħol Klerikali (Tender).
(8) Party għat-tfal.
(9) Mozzjonijiet.
(10) Toroq San Mikiel u San Lawrenz.
(11) Rapport Gateway Project.
(12) Rapport Sitwazzjoni Finanzjarja.
(13) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' ordnijiet ta' pagamenti.

## 42 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti

*42 (1).1* Dawn il-Minuti ġew meħuda bħala moqrija.

*42 (1) .2* Addenda mressqa mill-Viċi Sindku Walter Ahar f'paġna 2 :
"Ġbir ta' skart domestiku", wara l-kliem "Tender Ġdida" jitniżżel dan li ġej :

(1) Li jitnaddfu l-iskips.
(2) Li jinġabru kull nhar ta' Ħadd.
(3) Li tinstab soluzzjoni għall-iskart li qed jinġabar fi gżuz qabel jinġabar mill-ischammels fit-toroq.

42 (1).3 Addenda f'paġna 15 : Household Refuse Collection Tender wara l-kliem "għalina biss" jiżdied dan li ġej "Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jagħżel li jmur għall-ħruġ ta' tender bejn it-tlett Kunsilli (Birgu, Kalkara u Isla).

42 (1).4 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-minuti ġew approvati unanimament hekk kif korretti.

42 (1).5 *Arising Matters*

*Il-Ħaddiema tal-Gvern* li kienu ttieħdu lura fid-Dipartiment issa reġgħu ġew assenjati lura mal-Kunsill (13/10/04).

*Pjazza Andrea Debono*

Il-MEPA talbet aktar tagħrif dwar Pjazza Andrea Debono.

*MED URBS*

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Kunsill Lokali ta' Bormla ser jgħaddilna l-ammont ta' Lm 200 minn Lm 2, 500 dovuti lill-Kunsill Lokali Isla taħt il-proġett Med Urbs.

Il-Kunsillier Charmaine Gerada oġġezzjonat għal dan it-trattament minħabba li l-Lm2, 500 huma flus ta' dan il-Kunsill u mhux tal-Kunsill Lokali Bormla. Il-Kunsillier Charmaine Gerada saħqet li dawn il-flus għandhom jitħallsu f'daqqa skond kif kien miftiehem li jsir.

*Ħruġ ta' kopji ta' Dokumenti u Statements tal-Kunsill*

Għab-bażi ta' Taqsima 4 Regola 45, is-Sindku Joseph Casha saħaq li kull kopja ta' dokument jew korrispondenza li jkunu ġew ppreżentati waqt il-laqgħat tal-Kunsill għandhom jingħataw biss wara approvazzjoni tal-Kunsill.

*Insurance Policy tal-bini tal-Kunsill*

Din għandha toħroġ b'offerta wara li tkun saret evalwazzjoni mill-ġdid tal-bini tal-Kunsill.

*Artiklu Malta Today (Kopja Mehmuża)*

Is-Sindku bagħat tweġiba għal dak li ġie rrapurtat f'dan l-artiklu.

## 42 (2) Kommunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku Joseph Casha ta rendikont tal-laqgħat u ħidma li saret mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill (Numru 41).

42 (2).1 Evalwazzjoni - Family Literacy Programme (21/10/04)

Saret evalwazzjoni dwar dan il-proġett fis-sala tal-Kunsill li kien imtella' b'suċċess fil-lokal fis-Sajf (Lulju / Awissu).

Preżenti uffiċċjali u leaders ta' l-FES li ħadu sehem fil-programm kif ukoll is-Sindku Joseph Casha u Alphonse Zammit Segretarju Eżekuttiv. Sar rapport dettaljat dwar dan mill-FES u li fuqhu saret l-evalwazzjoni. Saru suġġeriment mis-Sindku Joseph Casha li ġew milqugħa biex jiġu mplimentati għas-sena li ġejja.

42 (2).2 Party għat-Tfal (28/10/04)

Is-Sindku Joseph Casha kellu laqgħa mas-Sinjura Kerry Armitage dwar possibilta' ta' party għat-tfal. Dan ser jitressaq għad-diskussjoni aktar tard.

42 (2).3 Uffiċċjali ADT (28/10/04)

Is-Sindku Joseph Casha u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa fil-Kunsill ma' Uffiċċjali ta' l-ADT dwar il-problemi li qed jinħolqu fil-lokal minħabba r-rotot ġodda tal-karozzi tal-linja fejn jidħlu ħinijiet ta' filgħodu kif ukoll bejn l-4.00pm u s-6.00pm. Is-Sindku insista li dawn għandhom jibqgħu l-istess bħal qabel (dettalji ta' din il-laqgħa mehmuża).

42 (2).4 Grants mill-EU - 04/2391/04/I (05/11/04)

Is-Sindku Joseph Casha kellu laqgħa ma' Dr O. Caruana dwar grants li jistgħu jingħataw mill-EU għal proġetti ta' youth exchanges / kultura u edukazzjoni.

It-tagħrif kollu li ġe diskuss qiegħed f'dokument li rċieva l-Kunsill u li dan it-tagħrif qiegħed għad-dispożizzjoni tal-Kunsillieri. Aktar tard għanda ssir diskussjoni fuq proġett biex tkun tista' ssir applikazzjoni għalih.

42 (2).5 Laqgħa dwar pitch tal-football (10/11/04)

Is-Sindku Joseph Casha kellu laqgħa mar-rappreżentanti ta' Senglea Athletics F. C. fejn ġie diskuss il-possibilta' li jsir mini pitch b'sussidju mill-UEFA (Artificial Turf) MFA qed toffri sussidju ta' bejn Lm 3,000 jew Lm 7,000 (Skond id-daqs tal-ground) jekk isir dan il-ground. Dan jista' jsir fil-ground tal-Ponta.

42 (2).6 Żgħażagħ Banda Marija Bambina (10/11/04)

Saret laqgħa mal-kumitat ta' din is-sezzjoni fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill. F"din il-laqgħa l-Kunsill bħas-soltu offra kull għajnuna li dawn Iż-żgħażagħ kellhom bżonn biex dawn iwettqu l-attivita' tagħhom.

Is-Sindku għamilha ċara li fejn jidħlu ż-żgħżagħ dan il-Kunsill jagħti l-kontribut tiegħu għax jemmen fil-kapaċita taż-żgħażagħ fil-lokal.

42 (2).7 Lejla Letterarja (29/10/04)

L-għaqda Letterarja Maltija tellgħet serata "Lejla Letterarja" fis-Sala tal-Kunsill fejn ġew preżentati xogħlijiet tal-Membri ta' din l-għaqda. Din kienet it-tieni darba li fuq talba ta' l-għaqda stess ittellgħet din is-serata.

Il-Kunsill jippromwovi u jinkoraġixxi serati bħal dawn.

42 (2).8 Żjara mis-Segretarju Parlamentari Edwin Vassallo (03/11/04)

Fuq talba tas-Segretarju Parlamentari Edwin Vassallo saret laqgħa fil-Kunsill għal dawk il-persuni li għandhom negozji żgħar fil-lokal.

42 (2).9 Tender Ġbir ta' Skart Domestiku (26/11/04)

Is-Sindku u l-Viċi Sindku attendew għall-ftuħ tat-tender maħruġa mit-Tlett Kunsilli flimkien. Ġew mitfugħa tlett offerti : South West Lm 42,000, Superlative Cleaners Lm 36, 000 u Transline Lm 34, 000. Dan ifisser li fuq l-irħas offerta mitfugħa hemm żieda ta' Lm 5, 000 fuq dik preżenti. Dawn l-offerti (Ref. 04/2389/04/I) għandhom jiġu diskussi wara l-25 ta' Novembru, 2004.

42 (2).10 Kumitat Konġunt LES (11/11/04)

Is-Sindku attenda laqgħa tal-Kumitat Konġunt LES dwar problemi li hemm mal-Guard & Warden Service House Ltd. Għandha ssir laqgħa oħra fil-25 ta' Novembru, 2004 fejn ser ikunu preżenti ta' Datatrak.

42 (2).11 Żgħażagħ mill-Isla f'Lecce - Italja

Wara li kienet saret stedina mill-Kunsill Lokali ta' Bormla, tlett żgħażagħ mill-Isla ġew mibgħuta Lecce, fl-Italja għal 10 t'ijiem biex jieħdu sehem f'youth exchange.

Dawn kienu Dillon Borg, Ramon Mangion u Dorian Cassar. Din iż-żjara ser issir bejn it-23 ta' Novembru u l-4 ta' Diċembru, 2004.

Is-Sindku sejjer jiltaqa' magħhom wara li jtemmu ż-żjara f'Lecce.

Il-Kunsillier Charmaine Gerada staqsiet kif ġew magħżula. Is-Sindku qal li huwa bħas-soltu għamel avviż fin-notice board tal-Kunsill kif ukoll avża waqt attivita' tal-Kunsill.

42 (2).12 Problema Xatt

Il-Kunsill qed jirċievi diversi lmenti minn sidien ta' ħwienet u residenti li għandhom il-garage fix-Xatt, li meta tagħmel ħafna xita l-postijiet tagħhom jimtlew b'ħafna ilma. Dan qed jikkawża ħafna ħsara fil-propjeta ta' dawn ir-residenti kif ukoll nuqqas ta' negozju.

Il-Kunsill ser jitlob lill-Perit tal-Kunsill biex lħejji rapport dwar dak li qed jiġri u suġġerimenti ta' x'jista' jsir.

42 (2).13 Fitness Kors Għan-Nisa

Saret talba lill-Kunsill biex dan il-kors jerġa jittella' bħal ta' qabel. Il-Kunsill qed joffri l-faċilitajiet.

Hemm ippjanat li dan il-kors jibda fit-22 ta' Novembru, 2004.

42 (2).14 Sitwazzjoni LES

Minn tagħrif li ġabar is-Sindku jidher li l-Kunsill mhux ser jibbilanċja mal-flus li l-Kunsill qed joħroġ biex lżomm is-servizz tal-wardens fil-lokal. Mill-kalkolu li għamel is-Sindku stqarr li l-Kunsill fuq seba' (7) xhur ser ikollu telf ta' Lm 800.

Wara li tkellem ma' l-Uffiċjal Awtorizzat u mas-Sur Curmi dwar din is-sitwazzjoni is-Sindku nfurmahom li jekk din is-sitwazzjoni ma' tinbidilx sa nofs Ottubru huwa kien ser jitlob lill-Kunsill biex jirtira mis-sistema.

F'dan id-dawl is-Sindku nforma lill-Kunsill li qiegħed f'kuntatt ma' kumpanija ta' security dwar cctv biex jara l-possibiltajiet li tidħol din is-sistema jekk ikun hemm bżonn li jsir dan bħala alternattiva.

42 (6) Sospensjoni ta' l-Agenda (7.15pm)

Il-Kunsill issospenda l-proċedura tar-regolamenti biex ikun jista' jilqa' u jiddiskuti ma' l-ispettur Angelo Cassar li ġie maħtur bħala Liaison Officer ma' dan il-Kunsill min-naħa tal-Kummissarju tal-Pulizija (ittra 04/2306/04/I). Id-diskussjoni kienet dwar it-taqsima ta' crimes u serq.

42 (2).15 Tkomplija ta' l-Aġenda

Fis-7.39pm il-Kunsill kompla bix-xogħol fuq l-Aġenda bl-item li kien imiss.

42 (2).16 Korrispondenza

Lista tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn il-15 ta' Settembru u l-15 ta' Novembru 2004 ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

*04/2313/04/I Pjazza Andrea Debono*

Dr Ray Bondin, Koordinatur tal-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera nforma lill-Kunsill li qed jagħti prijorita l-proposta tal-Kunsill.

*04/2349/04/I Seminar dwar il-Ktieb Malti / Libreriji Pubbliċi*

Il-Kunsill laqa' din l-istedina.

*04/2351/04/I Karozzi abbandunati*

Il-Kunsill qed jiġbor tagħrif għal PQ li saret fil-Parlament.

*04/2355/04/I Talba mill-Kumitat Festi Esterni - Bormla*

Il-Kunsill baqa' jżomm mad-deċżjoni li ħa żmien qabel dwar ħruq ta' nar minn ħdejn il-Maċina quddiem Senglea Gate nhar l-20 ta' Novembru, l-5 ta' Diċembru sat-8 ta' Diċembru, 2004.

*04/2358/04/I Ħsarat fil-Moll ta' l-Isla*

Il-Kunsill irċieva t-tweġiba tal-Ministru Jesmond Mugliett għal PQ 7367 fejn qal li l-ħsarat fil-Moll ta' l-Isla jiġu mwettqa s-sena li ġejja meta jkun mistenni li jiġu allokati fondi apeċjali fil-Budget għal dan il-proġett.

*04/2361/04/I Settur Kummerċjali*

Fuq talba mid-Direttorat għall-intrapriżi żgħar, il-Kunsill ħatar lill-Viċi Sindku Walter Ahar biex ikun il-persuna responsabbli għas-settur kummerċjali fil-lokal.

*04/2376/04/I Talba għall-użu tas-Sala tal-Kunsill*

Il-Kunsill approva t-talba tas-Sinjura S. Flores Martin biex tagħmel reception nhar is-27 ta' Novembru, 2004.

*04/2392/04/I Bring in sites*

Il-Kunsill irċieva tagħrif dwar l-applikazzjoni ta' dan is-servizz biex l-iskart jiġl separat at source. Minn dan it-tagħrif jidher li dan il-Kunsill għandu diffikultajiet finanzjarji biex Iżomm dan is-servizz kif ukoll minħabba loġistika.

*04/2430/04/I* *42nd Senglea Best Singer Festival*

Il-Kunsill qabel li jinxtraw trophies għal dan il-Festival.

*04/2458/04/I* *Kummissjoni Nazzjonali Persuni B'Diżabilita'*

Din il-Kummissjoni talbet aktar tagħrif dwar il-proġett f'Misraħ Andrea Debono.

*04/2459/04/I* *Historical Cities Festival*

Il-Kunsill irċieva ittra ta' ringrazzjament mill-MTA dwar il-koperazzjoni u s-sehem tiegħu f'dan il-festival li ttella' bejn is-7 u s-17 ta' Ottubru, 2004.

*04/2461/04/I* *Quarterly Report Lulju - Ottubru, 2004*

Dawn intbagħtu lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika.

*04/2472/04/I* *Bus Shelters*

Il-Kumpanija Faces infurmat lill-Kunsill li ser jerġu jagħmlu sejħa għal min irid japplika għal dawn il-Bus Shelters. Dan il-Kunsill huwa nteressat.

*04/2480/04/I* *Użu tas-Sala tal-Kunsill*

Il-Kunsill approva t-talba tas-Sur Mark Grech biex jagħmel użu mis-Sala għal preċett nhar is-27 ta' Mejju, 2005.

*04/2482/04/I* *Użu tas-Sala*

Il-Kunsill ma' approvax talba biex isir New Year's Eve Party.

*04/2490/04/I* *Użu tas-Sala tal-Kunsill*

Il-Kunsill approva t-talba tas-Sur Cassar biex isir riċeviment familjari fil-11 ta' Diċembru, 2004 fis-6.30pm.

*Użu tas-Sala*

Il-Kunsill laqa' t-talba tas-Sinjura Ursula Cilia biex isir birthday party fl-20 ta' Diċembru, 2004.

*Rapport Finanzjarju - It-Tieni Kwart (Lul - Sett'04)*

Il-Kunsill bagħat il-klarifikazzjoni mitluba mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar paragrafu 7 tar-rapport.

*Datatrak Services*

Minn tagħrif li ingħataw minn din il-Kumpanija dwar id-dħul mil-LES, sar magħruf li l-Kunsill għad fadallu li jdaħħal madwar Lm 1, 200 f'mulri mħallsa f'Kunsilli oħra bejn l-1 ta' Jannar u t-30 ta' Ottubru, 2004.

*Permess ta' Garage*

Il-Kunsill kiteb lill-MEPA operations Manager, sabiex jiġi verifikat jekk garage fi Triq San Mikiel kienx reġistrat bħala garage.

*Strina 2004*

Saret talba lill-Kunsill biex jikkontribwixxi u jieħu sehem f'din l-attivita' nazzjonali b'risq il-Community Chest Fund. Is-Sindku Joseph Casha ser jattendi u l-Kunsill approva donazzjoni ta' Lm 20.

## 42 (3) Mistoqsijiet

Għall-mistoqsija mressqa mis-Sindku Joseph Casha (Kopja mehmuża) is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ma' jiftakarx jekk intbagħatux kopji ta' l-istatement (li għamel is-Sindku dwar lż-żjara f'Abruzzo) mal-minuti lill-Għaqdiet.

42 (3).1 Għaldaqstant il-Kunsill qabel li mal-kopja tal-minuti approvati li jmiss tintbagħat kopja ta' l-istqarrija li kien għamel is-Sindku fil-laqgħa tal-Kunsill tat-12 ta' Awissu, 2004.

## 42 (4) Konferenza Abruzzo

Is-Sindku ddikjara li minkejja dak li inkiteb fil-konfront tiegħu u tal-Membri tal-Kunsill mis-sinjuri li kien jagħmlu parti mid-delegazzjoni tal-Kunsill f'Abruzzo huwa għadu jinsisti fuq dak li stqarr fit-12 ta' Awissu, 2004 fil-laqgħa tal-Kunsill numru 41.

42 (4).1 Tant hu hekk li kien qed ipoġġi stqarrija fuq il-mejda tal-Kunsill biex jikkonferma dan (Kopja mehmuża).

42 (4).2 Is-Sindku ddikjara l-każ magħluq.

## 42 (5) Sala San Mikiel

Is-Sindku ta' tagħrif dwar il-mod kif din is-Sala li kienet imwiegħda li tingħata lill-Kunsill ingħatat lill-ħaddieħor minnflok.

42 (5).1 Is-Sindku qara PQ Numru 7967 imressqa mill-Onor. Chris Agius dwar din il-kwistjoni (Kopja mehmuża).

42 (5).2 Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill ittra li ntbagħtet lill-Onor. Tonio Borg, Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern kif ukoll il-file dwar din it-talba (Kopja mehmuża).

42 (5).3 Is-Sindku kompla billi ppreżenta statement ta' kif ġraw l-affarijiet għat-talba tal-Kunsill biex dan is-sit jiġi devolut lill-Kunsill. Is-Sindku jemmen li saret inġustizzja mal-Kunsill u mal-poplu tal-lokal.

42 (5).4 Is-Sindku staqsa jekk il-Kunsill għandu jkompli jikkontesta d-deċiżjoni li d-Dipartiment ta' l-Artijiet ħa fil-konfront ta' dan il-Kunsill.

42 (5).5 Ġie propost li dan il-każ jitressaq quddiem l-Ombudsman.

42 (5).6 Kien hemm qbil unanimu biex il-Kunsill ikompli miexi bl-oġġezzjonijiet tiegħu skond l-istatement tas-Sindku dwar kif ingħatat Sala San Mikiel.

## 42 (7) Kuntratt ta' Xogħol Klerikali (Tender)

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għal din it-tender ġew mitfugħa żewġ offerti. Dawn ġew ppreżentati fuq il-mejda tal-Kunsill.

42 (7).1 Il-Kunsill qabel li jsir Bord ta' l-Għażla magħmul mis-Sindku Joseph Casha, Arthur Napier, President tal-Kunsill Skolastiku, Membri mill-ASKLM u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill biex jagħtu parir lill-Kunsill liema hija l-aħjar għażla.

## 42 (8) Party għat-Tfal

Fuq proposta tas-Sindku Joseph Casha, l-Kunsill iddiskuta jekk għandhux isir party għat-tfal ta' l-Iskola Primarja Dom Mauro Inguanez.

42 (8).1 Wara diversi proposti u diskussjoni fid-dettal, il-Kunsill qabel li jsir parti għat-tfal tal-Kindergarten fl-iskola u ħarġa għat-tfal l-oħra fi żmien il-Milied.

42 (8).2 Party għat-Tfal - 30 ta' Diċembru, 2004

Il-Kunsill ser jorganiżża party għat-tfal fejn il-Kunsill ser joħroġ Lm 30 għall-ispejjeż ta' l-organiżazzjoni u t-tfal ser iħallsu Lm 1.40ċ kull ras.

Fl-iskola Primarja Dom Mauro Inguanez  hemm dan l-ammont ta' tfal :

| | |
|---|---|
| Kindergarten | 46 |
| Year 1 & Year 2 | 50 |
| Klassijiet oħra | 150 |
| | 246 |

*Aġġornament*

Billi kien sar il-ħin, fid-9.30pm is-Sindku aġġorna t-tkomplija tal-laqgħa għal nhar it-Tnejn 22 ta' Novembru, 2004 fl-4.00pm.

## Tkomplija tal-Laqgħa tal-Kunsill

Tkomplija tal-laqgħa Numru 42 nhar it-Tnejn 22 ta' Novembru, 2004 fl-4.00pm fis-Sala tal-Kunsill.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Assenti : | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| Udjenza : | 0 | | |

Is-Sindku Joseph Casha ressaq għad-diskussjoni l-item li kien imiss fuq l-Aġenda (Item 9)

## 42 (9) Mozzjonijiet

Billi ma' kienx hemm mozzjonijiet il-Kunsill għadda għall-item li jmiss fuq l-Aġenda.

## 42 (10) Toroq San Mikiel u San Lawrenz

Qed jiġi nnutat li minħabba nuqqas ta' spazju fil-lokal qed isir parking fuq il-bankini f'dawn iż-żewġ toroq.  Dan qed iwassal għall-ħsarat fuq il-bankini kif ukoll qed ikun hemm żgombru għal dawk li jkunu jridu jużaw il-bankini.

42 (10).1 Ġie nnutat ukoll li jekk isir parking taħt il-bankini, dan joħloq diffikulta għal trakkijiet li jikunu jridu jgħaddu minnhom biex Iġibu supplies fil-lokal.

42 (10).2 Wara diskussjoni l-Kunsill ħareġ bi proposta biex tingħeleb din il-problema.

Ġie propost li matul il-ġurnata bejn is-7.30am u s-2.30pm ma' jkunx jista' jsir parking fuq il-bankini. Parking fuq il-bankini jsir biss barra dawn il-ħinijiet.

42 (10).3 Il-Kunsill qabel li jikteb lill-ADT biex jara kif din il-proposta tiġl attwata fil-limiti tal-Liġl tat-Traffiku.

## 42 (11) Rapport Gateway Project

Is-Segretarju Eżekuttiv ta tagħrif dwar il-proġett Gateway li l-Kunsill tella' f'Lulju, 2004 permezz ta' fondi mill-EU.

42 (11).1 Huwa nforma lill-Kunsill li sar rapport tal-proġett kollu u li dan ġie ppreżentat lill-Aġenzija Nazzjonali f'Malta. Dan ried isir bħala parti mill-fethim li sar (Kopja ta' dan ir-rapport tinsab fl-Uffiċċju tal-Kunsill).

42 (11).2 L-infieq u l-ispejjeż tal-proġett inżammu mal-Budget li kien programmat minn qabel. Infatti l-infieq totali kien ta' madwar 1000 EURO inqas minn dak previst.

## 42 (12) Rapport Sitwazzjoni Finanzjarja

Kif kien ġie approvat fil-laqgħat preċedenti l-Kunsill kien qed jorbot ruħu li jagħmel Management Accounts kull xahar biex Iżomm ruħu aġġornat kif qed isir id-dħul u l-infieq tal-Kunsill.

42 (12).1 Mir-rapport ippreżentat (Kopja mehmuża) jidher li l-Kunsill nefaq b'Lm 1, 032 aktar minn dak li daħħal. Il-bilanċ kumulattiv sa l-aħħar ta' Ottubru, 2004 huwa ta' Lm 730 fin-negattiv.

42 (12).2 Dan l-Iżbilanċ ġie kawżat l-aktar minħabba tiswijiet u manutenzjoni fil-lokal u l-infieq kapitali b'xiri ta' computers għall-uffiċċju.

42 (12).3 F'dan id-dawl il-Kunsill irid jikkontrolla aktar l-infieq tiegħu biex is-sena finanzjarja tagħlaq b'surplus ta' 5 % tal-budget kif stipulat fil-liġi.

## 42 (13) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' ordnijiet ta' pagamenti

Fuq proposta tal-Viċi Sindku ssekondat mill-Kunsillier Mario Mizzi, l-Kunsill approva l-ħlas ta' pagamenti għall-ammont ta' Lm 9, 603.86.

Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss issir nhar it-Tlieta 30 ta' Novembru, 2004 fid-9.30am.

Il-laqgħa tal-Kunsill ntemmet fil-4.45pm b'dan l-item fuq l-agenda.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________ ________________________

Joseph Casha
Sindku

Alphonse Zammit
Segretarju Eżekuttiv